RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni Radju Marija (Malta)
Nru 96 - Jannar/Marzu 2020

## PROGRAMMI ĠODDA GĦAX-XITWA 2020!

PAĠNA 8-10

## SKEDA ĠDIDA

PAĠNA 4-7



# Iż-żmien isajru l-bajtar

# Iż-żmien isajru l-bajtar



**Fr. Antoine Borg**
Direttur ta' Radju Marija

Xi kultant nibżgħu mix-xewk ta' din il-frotta imma meta tiftaħ issib benna u ħlewwa liema bħalha.

Iż-żmien isajru l-bajtar... hekk jgħid il-qawl Malti u hekk hu. Tibda tara maż-żmien li mill-pala tal-bajtra toħroġ il-fjura. Wara tibda toħroġ bajtra tax-xewk żgħira żgħira li kważi ma tingħarafx minn mal-pala. Iktar ma joqrob is-sajf iktar tibda tikber imma tibqa' ħadra sakemm fl-aħħar tikber il-qies propju tagħha sakemm tieħu l-kulur sabiħ li jiġbed l-għajn. Xi kultant nibżgħu mix-xewk ta' din il-frotta imma meta tiftaħ issib benna u ħlewwa liema bħalha.

Għeżież, hekk hi l-istorja twila ta' Radju Marija... storja ta' żmien ta' erbgħin sena u dik ta' ħamsa u għoxrin sena f'Malta, żmien li fih deher minn barra bħala radju fost tant stazzjonijiet oħrajn. Radju tant żgħir li anqas biss jidher fost oħrajn tant ikbar jew eqdem.

Bil-mod il-mod dan l-istazzjon qed jikber għax issa qed jingħaraf minn oħrajn u iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar se jkompli jingħaraf għax il-kontenut tiegħu qed jibqa' joffrih hu biss! Stazzjon li jibqa' b'saqajh mal-art imma jħares mhux biss 'il fuq lejn is-sema imma ukoll 'il bogħod u għalhekk 'il quddiem. 'Il quddiem imma mhux lejn il-ġid tiegħu, imma lejn il-ġid tal-poplu tagħna, lejn il-ġid soċjali u morali, lejn il-ġid mentali u spiritwali tal-futur ta' kull individwu li jgħix f'pajjiżna u 'l barra minn xtutna.

Xi kultant bħal bajtra tax-xewk - isimha magħha - ikollu jniggeż, imma bil-mod, għax ix-xewk tagħha żgħir u artab. Imma jniggeż xorta waħda. Iniggeż biex iqajjem il-kuxjenza, jikkumbatti l-bruda, it-telqa u t-traskuraġni. Minħabba dan, jista' jkun li ma jogħġobx lil kulħadd jekk mhux ukoll idejjaq lil min jixtieq jibqa' kif inhu u dan għax jibża' li jonqsu xi ħaġa minn dak li tagħtih id-dinja.

Permezz tax-xandir magħmul għas-salvazzjoni tal-bniedem sħiħ Radju Marija jibqa' jniggeż il-qalb li għadha tant iebsa, iniggeż il-moħħ li għadu mehdi bih innifsu jew jehda b'dak li jara, jisma' u jħoss. Iniggeż ukoll ir-ruħ li tkun ilha tant ma taħseb fuq, u titlob lill-Ħallieq tagħha.

Imma wara dak ix-xewk malli tagħmel kuraġġ u tiftaħ issib ħlewwa liema bħalha, li timla l-qalb bit-tjubija tat-talb, bil-ħlewwa tal-ħajja tal-qaddisin, bil-hena ta' tant xhieda sabiħa ta' min qed jaqdi f'artna jew barra minn artna lill-proxxmu tagħna. Mela kuraġġ! Għaliex tibża' minn erba' xewkiet żgħar?

Wara li tkun ħadt din il-frotta, tibqa' t-togħma tagħha u bla ma trid tixxennaq għal iktar. Jalla Radju Marija iħallilek kuljum filgħodu qabel ma tibda, matul il-jum jew xħin tidħol id-dar, dik it-togħma tajba li tkompli xxenqek għal iktar. Ommna tas-sema, taf x'inhu l-aħjar għal uliedha u għalhekk riedet dan l-istazzjon biex jimla l-qlub u l-imħuħ bil-ħlewwa, qalb tant toqol u qrusa li toffri l-ħajja.

Kewba tal-Evanġelizzazjoni, Itlob għalina

Viva Ġesù, Viva Marija
Viva Radju
Marija

**Wara li tkun ħadt din il-frotta, tibqa' t-togħma tagħha u bla ma trid tixxennaq għal iktar.**



# Skeda tal-programmi għax-Xitwa 2020

## It-Tnejn

| | |
|---|---|
| 12.00am | Il-Ħniena Divina ġewwa ruħi (rpt)<br>Carmen Azzopardi |
| 12.30am | Għajn ta' ġid (rpt)<br>MUSEUM |
| 01.30am | Chaplet of St. Michael |
| 02.00am | Viva Malta (rpt)<br>Darren Gatt |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Teżor u ġawhra prezzjuża (rpt)<br>Sup. Joe Fenech |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa (rpt)<br>Alfred Mallia |
| 05.00am | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt)<br>Fr Antoine Borg |
| 05.30am | Min hu għażżien fil-ħajja spiritwali (rpt)<br>Fr David Borg |
| 06.00am | Kulma hu tiegħi nagħtihulek (rpt)<br>Fr Victor Degabriele |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Kuntatt |
| 11.00am | Ara Ommok<br>Fr Gerard Buħaġiar |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Vjaġġ Mużikali<br>Sander Lautier |
| 02.00pm | Jien Hu l-Ħobż tal-Ħajja<br>Lorry Ciantar |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Sammartni Mulej<br>Fr Elijah Vella |
| 04.00pm | Fl-iskola ta' San Piju<br>Fr Joe Buttiġieġ |
| 05.00pm | O Żmien Ħelu<br>Evan Chetchuti |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Aħbarijiet |
| 07.30pm | Taħdita (rpt) |
| 08.00pm | Tweġiba Kattolika<br>Fr Antoine Borg/Steve Portelli |
| 10.00pm | Rużarju + Kompjeta |
| 11.00pm | Mill-Vanġelu / Milli Qrajt (rpt)<br>Fr Antoine Borg |
| 11.30pm | Il-Milja tal-Ħajja (rpt)<br>Fr Carmel Delia |

## It-Tlieta

| | |
|---|---|
| 12.00am | Kont marid u ġejtu żżuruni (rpt)<br>Fr Mario Attard |
| 01.00am | Il-Quddiesa Ġenna fl-art<br>Fr Antoine Borg |
| 01.30am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 02.00am | Agħtini Parir! (rpt)<br>Diversi Kelliema |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Chaplet of St. Michael |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Santa Tereża Benedetta tas-Salib (rpt)<br>Fr Juan Debono |
| 05.30am | Raġel u mara ħalaqhom (rpt)<br>Fr Anton Gouder |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Kuntatt |
| 11.00am | Kunu xiehda tiegħi<br>Fr Philip Cutajar |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju ta' San Mikiel |
| 01.00pm | Tiżwiqa Mużikali<br>Joe Serraċino |
| 02.00pm | Labirint, it-tiftixa t'Alla<br>Fr Domenic Sultana |
| 02.30pm | Rumanz - Qari minn Anton Grasso |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Jigsaw puzzle (rpt)<br>Antoinette Aquilina/Mary Scerri |
| 04.00pm | Magazine (rpt)<br>Sup. Joe Fenech |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Aħbarijiet |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Għandi lilek għandi kollox<br>Lorry Ciantar |
| 09.00pm | Kelma ta' Wens<br>Fr Philip Cutajar |
| 10.00pm | Rużarju + Kompjeta |
| 11.00pm | Mill-Vanġelu / Milli Qrajt (rpt) |
| 11.30pm | Rumanz - Qari minn Anton Grasso (rpt) |

# Bejn it-Tnejn 30 ta' Diċembru sad-29 ta' MARZU 2020

## L-Erbgħa

| | |
|---|---|
| 12.00am | Marija fil-Liturġija u l-ordnijiet (rpt)<br>Fr Frank Borg |
| 12.30am | Nixtarru Kitbet San Ġorġ Preca (rpt)<br>MUSEUM |
| 01.30am | Rużarju ta' San Ġużepp |
| 02.00am | Klassiċi u Sagri (rpt)<br>Brian Cassar |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Solidarjetà ma' Ħutna (rpt)<br>ACN |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Sammartni Mulej! (rpt)<br>Fr Elijah Vella |
| 05.00am | Magazine (rpt)<br>Sup. Joe Fenech |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Kuntatt |
| 11.00am | Tifkiriet ta' Nostalġija<br>Joe Quattromani |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp |
| 01.00pm | Vjaġġ Mużikali<br>Lelio Spiteri |
| 02.00pm | Il-Qalb tiegħi tirbaħ<br>Fr Antoine Borg |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | IL-Miraklu ta' Radju Marija<br>Fr Antoine Borg |
| 04.00pm | Min hu għażżien fil-ħajja spiritwali<br>Fr David Borg |
| 04.30pm | Kulma hu tiegħi jien nagħtihulek<br>Fr Victor Degabriele |
| 05.00pm | Għand in-Nutar (rpt)<br>Joe Tabone |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Aħbarijiet |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Inbid Ġdid<br>Jude Muscat |
| 09.00pm | Għajn ta' Ġid<br>MUSEUM |
| 10.00pm | Rużarju + Kompjeta |
| 11.00pm | Mill-Vanġelu / Milli Qrajt (rpt)<br>Fr Antoine Borg |
| 11.30pm | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa<br>Alfred Mallia |

## Il-Ħamis

| | |
|---|---|
| 12.00am | Fl-iskola ta' San Piju (rpt)<br>Fr Joe Buttiġieġ |
| 01.00am | Rumanz - qari minn Vince Palmier (rpt) |
| 01.30am | Chaplet of St. Michael |
| 02.00am | Vuċi Missjunarja<br>Dr Frank Cassar |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Mur sewwi l-Knisja tiegħi<br>Fr Hayden Williams |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Il-Qrar ifejjaq l-imrar<br>Fr Mario Attard |
| 05.00am | Ara Ommok (rpt)<br>Fr Gerard Buħaġiar |
| 06.00am | Il-Ħniena divina ġewwa ruħi<br>Carmen Azzopardi |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Kuntatt |
| 11.00am | Raġel u Mara ħalaqhom<br>Fr Anton Gouder |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Mużika Country b'ispirazzjoni<br>Ray Williams |
| 02.30pm | Rumanz - Qari minn Anton Grasso |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Teżor u Ġawhra Prezzjuża<br>Sup. Joe Fenech |
| 04.00pm | Mid-Djarju tal-Papa<br>Joe Farrugia |
| 05.00pm | Klassiċi u sagri<br>Brian Cassar |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Aħbarijiet |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Kunu Xhieda Tiegħi (rpt)<br>Fr Philip Cutajar |
| 09.00pm | Santa Tereża Benedetta tas-Salib<br>Fr Juan Debono |
| 10.00pm | Rużarju + Kompjeta |
| 11.00pm | Mill-Vanġelu / Milli Qrajt (rpt)<br>Fr Antoine Borg |
| 11.30pm | Rumanz - Qari minn Anton Grasso (rpt) |

# Skeda tal-programmi għax-Xitwa 2020

## Il-Ġimgħa

| | |
|---|---|
| 12.00am | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa (rpt)<br>Alfred Mallia |
| 12.30am | Tifkiriet ta' nostalgija (rpt)<br>Joe Quattromani |
| 01.30am | Rużarju tad-Duluri |
| 02.00am | Jien Hu l-ħobż tal-ħajja (rpt)<br>Lorry Ciantar |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Min hu għażżien fil-ħajja spiritwali (rpt)<br>Fr David Borg |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Tweġiba Kattolika (rpt)<br>Fr Antoine/Steve Portelli |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Kuntatt |
| 11.00am | Vanġelu Ħaj<br>Charles/Anna Chase |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tad-Duluri |
| 01.00pm | Vjaġġ Mużikali<br>Oswald Lautier |
| 02.00pm | Agħtini parir!<br>Diversi Kelliema |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Jigsaw Puzzle<br>Antoinette Aquilina/Mary Scerri |
| 04.00pm | St. Tereża tal-Bambin Ġesu' tgħallimna<br>Sr. Tereża Camilleri |
| 04.30pm | Mur sewwi l-Knisja Tiegħi (rpt)<br>Fr Hayden Williams |
| 05.00pm | Il-Qrar ifejjaq l-imrar (rpt)<br>Fr Mario Attard |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Aħbarijiet |
| 07.30pm | Għejjun ta' ilma frisk...<br>Fr Hector Scerri |
| 08.00pm | Fl-iskola ta' San Piju (rpt)<br>Fr Joe Buttiġieġ |
| 09.00pm | Vuċi Missjunarja (rpt)<br>Dr Frank Cassar |
| 10.00pm | Via Sagra + Kompjeta |
| 11.00pm | Mill-Vanġelu / Milli Qrajt (rpt)<br>Fr Antoine Borg |
| 11.30pm | Il-Quddiesa Ġenna fl-art (rpt)<br>Fr Antoine Borg |

## Is-Sibt

| | |
|---|---|
| 12.00am | O Żmien Ħelu (rpt)<br>Evan Chetcuti |
| 01.00am | Labirint, it-tiftixa t'Alla (rpt)<br>Fr Dominic Sultana |
| 01.30am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 02.00am | Għandi lilek għandi kollox (rpt)<br>Lorry Ciantar |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Għejjun ta' Ilma Frisk (rpt)<br>Fr Hector Scerri |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Inbid ġdid (rpt)<br>Jude Muscat |
| 05.30am | Il-Qalb tiegħi tirbaħ (rpt)<br>Fr Antoine Borg |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Kuntatt |
| 10.00am | Għand in-Nutar<br>Joe Tabone |
| 11.00am | Nixtarru Kitbet San Ġorġ Preca<br>MUSEUM |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Magazine<br>Sup. Joe Fenech |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Kireh u Bileh<br>Fr Brenden Gatt/Fr Antoine Borg |
| 04.30pm | Mur sewwi l-Knisja tiegħi (rpt)<br>Fr Hayden Williams |
| 05.00pm | Kont marid u ġejtu żżuruni<br>Fr Mario Attard |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.15pm | Għasar |
| 07.30pm | Marija fil-Liturġija u l-ordnijiet<br>Fr Frank Borg |
| 08.00pm | Vanġelju Ħaj (rpt)<br>Charles/Anna Chase |
| 09.00pm | Viva Malta<br>Darren Gatt |
| 10.00pm | Rużarju + Kompjeta |
| 11.00pm | Ikellimna fit-triq<br>Diversi kelliema |

## Il-Ħadd

| | |
|---|---|
| 12.00am | Kelma ta' Wens (rpt)<br>Fr Philip Cutajar |
| 01.30am | Chaplet of St. Michael |
| 02.00am | Santa Tereża Benedetta tas-Salib (rpt)<br>Fr Juan Debono |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | St. Tereża tal-Bambin Ġesu' tgħallimna (rpt)<br>Sr. Tereża Camilleri |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Raġel u Mara ħalaqhom (rpt)<br>Fr Anton Gouder |
| 05.30am | Il-Milja tal-Ħajja<br>Fr Carmel Delia |
| 06.00am | Inbid Ġdid (rpt)<br>Jude Muscat |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Jum il-Mulej<br>Dr Andrew Baldacchino |
| 08.15am | Angelus / Tifħir ta' sbieħ il-jum |
| 08.30am | Vanġelu Ħaj (rpt)<br>Charles/Anna Chase |
| 09.20am | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt)<br>Fr Antoine Borg |
| 10.00am | Quddiesa |
| 11.00am | Kireh u bileh (rpt)<br>Fr Brendon Gatt/Fr Antoine Borg |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Mid-Djarju tal-Papa (rpt)<br>Joe Farrugia |
| 02.00pm | Ħadd Kumpanija |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Ħadd Kumpanija |
| 05.00pm | Il-Qalb tiegħi tirbaħ (rpt)<br>Fr Antoine Borg |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Għasar |
| 07.00pm | Klassiċi u Sagri (rpt)<br>Brian Cassar |
| 08.00pm | Solidarjetà ma' Ħutna<br>ACN |
| 08.30pm | Rumanz - qari minn Vince Palmier |
| 09.00pm | Ikellimna fit-triq (rpt)<br>Diversi kelliema |
| 10.00pm | Rużarju + Kompjeta |
| 11.00pm | Jum il Mulej (rpt)<br>Dr Andrew Baldacchino |

## Appuntamenti fissi fuq Radju Marija għall-iskeda tax-Xitwa 2020

**Quddiesa:**
Mit-Tnejn sas-Sibt: fis-7.30am u fis-6.30pm
Il- Ħadd: fl-10.00am

**Rużarju:**
- Ir-Rużarju Mqaddes: fl-4.00am, fis-7.00am, fis-6.00pm u fl-10.00pm. Kull nhar ta' Ġimgħa isir Via Sagra fl-10:00pm (minnflok Rużarju).
- Rużarju tad-Duluri: Il-Ġimgħa fis-1.30am u fin-12.30pm
- Rużarju ta' San Ġużepp: L-Erbgħa fis-1.30am u fin-12.30pm
- Rużarju tal-Erwieħ: It-Tlieta u s-Sibt fis-1.30am. It-Tnejn, il-Ħamis, is-Sibt u l-Ħadd fin-12.30pm
- Ir-Rużarju ta' San Mikiel : It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis, il-Ġimgħa, is-Sibt fis-6.30am u t-Tlieta fin-12.30pm
- Chaplet of St Michael: It-Tnejn, il-Ħamis u l-Ħadd fis-1.30am u t-Tlieta fit-3.30am

**Anġelus:**
- Kuljum fit-8.00am, f '12.00pm u fis-6.00pm
- Kurunella tal-Ħniena Divina
  Kuljum fit-3.00am u fit-3.00pm

**Liturġija tas-sigħat:**
- Tifħir tas-sbieħ il-jum: Kuljum fit-8.15am
- Għasar: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fis-7.00pm, is-Sibt fis-7.15pm u l-Ħadd fis-6.30pm
- Talb ta' għeluq il-jum: f '11.50pm
- Kompjeta għall-miżżewġin: Is-Sibt u l-Ħadd fil-11.30pm

**Aħbarijiet:**
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fil-7.15pm

# FTIT MILL-PROGRAMMI L-ĠODDA LI SER JIXXANDRU FIX-XITWA TAL-2020

JANNAR/MARZU 2020

## Tweġiba Kattolika

Fr Antoine Borg u Steve Portelli

Il-Programm Tweġiba Kattolika jrid iwieġeb is-sejħa għall-Evanġelizzazjoni l-Ġdida li hija ffukata fuq li nerġgħu nqajmu n-nar li jixgħel biż-żelu għall-Kelma t'Alla.

Illum iktar minn qatt qabel il-bniedem isib tweġibiet differenti minn sorsi differenti, u għalhekk permezz tal-Bibbja, tal-katekiżmu tal-Knisja u ta' t-Tradizjoni Appostolika ser inwieġbu lil dawk li jridu jsiru jafu lil Ġesù Kristu b'mod totali u veru.

Jixxandar live kull nhar ta' Tnejn fit-8:00pm u b'repetizzjoni nhar ta' Ġimgħa fl-4:30am.



## Fl-iskola ta' San Piju ta' Pietrelcina

Fr Joe Buttiġieġ OFM Cap.

Fl-iskola ta' San Piju ta' Pietrelcina, programm li fih nitgħallmu kif ngħixu l-ħajja Nisranija tagħna mill-Kariżma, l-Ispiritwalità u l-Missjoni ta' Padre Pio l-ewwel saċerdot fl-istorja li ġarrab l-esperjenza sħiħa tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Isma' int ukoll, u tgħallem.

Jixxandar live kull nhar ta' Tnejn fl-4:00pm u b'repetizzjoni nhar ta' Ħamis f'12:00am u l-Ġimgħa fit-8:00pm.



# Agħtini Parir

Diversi Kelliema

Trid tkun taf aktar dwar kif tieħu ħsieb saħħtek? Jew inkella kif tieħu ħsieb il-ġnien tiegħek jew kif tikseb tagħrif fuq l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-propjetà tiegħek?

Tista tagħmel dan billi ssegwi dan il-programm fejn kull ġimgħa jingħaqad magħna tabib, perit jew ortikulturist, fejn inti tista' tistaqsi domandi relatati mas-suġġett diskuss.

Jixxandar live kull nhar ta' Ġimgħa fis-2:00pm u b'repetizzjoni nhar ta' Tlieta fis-2:00am.







# Min hu għażżien fil-ħajja spiritwali...

Fr David Borg OFM Conv.

Għaliex il-ħajja spiritwali tagħna tista' tiddgħajjef? X'jiġri meta naqgħu fil-VIZZJU tal-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla? X'inhi l-konnessjoni tal-lajma spiritwali mat-telqa u l-indifferenza? Fejn jidħol id-dnub?

F'kull programm se nittrattaw xi aspett importanti li għandu x'jaqsam jew mal-KAWŻI ta' dan il-vizzju (minn fejn ġej) jew mal-EFFETTI tiegħu (dawk ta' ħsara) jew – u b'enfasi speċjali – mal-mezzi għall-FEJQAN minnu. L-għan aħħari hu li wieħed jasal għall-helsien sħiħ u l-paċi tal-qalb. Ikun hemm ukoll ħin għad-domandi tagħkom.

Jixxandar live kull nhar ta' Erbgħa fl-4:00pm u b'repetizzjoni nhar ta' Tnejn fil-5:30am u l-Ħamis fid-1:00am.



# FTIT MILL-PROGRAMMI L-ĠODDA LI SER JIXXANDRU FIX-XITWA TAL-2020

JANNAR/MARZU 2020

## Il-Qrar ifejjaq l-imrar

Fr Mario Attard OFM Cap.

L-għan ta' dan il-programm hu li jkun tħeġġiġa kontinwa għalina ilkoll biex nersqu aktar u aktar lejn is-sagrament fejqani tal-qrar. Matul din is-sensiela nitgħallmu napprezzaw l-utilità u l-importanza tal-qrar permezz ta' Katekeżi miġbura mill-ġrajjiet tall-Ħajja ta' San Leopoldu Mandić, il-qaddis Padrun tal-konfessuri.

Jixxandar kull nhar ta' Ħamis fl-4:30am u b'repetizzjoni kull nhar ta' Ġimgħa fis-5:00pm.



San Leopoldu Mandić





## Għandi lilek għandi kollox

Lorry Ciantar

Wara s-sensiela tal-programmi "Qum u imxi", "Int f'Salib it-Toroq?" u issa "Għandi lilek għandi kollox", dan il-programm ġdid ser ikun hemm fih rakkont ta' stejjer li ġraw u li minnhom is-semmiegħa jistgħu jitgħallmu b'mod konkret kif jgħixu ħajjtihom f'mixja wara Ġesù.

Jixxandar live kull nhar ta' Tlieta fit-8:00pm u b'repetizzjoni nhar ta' Sibt fis-2:00am.

## Santa Tereża Benedetta tas-Salib

Xhieda friska ta' ħajja mibdula permezz tal-fidi - Fr Juan Debono

Santa Tereża Benedetta tas-Salib jew kif inhi aktar magħrufa Edith Stein hi dawl għal kull min hu f'salib it-toroq ta' fejn tinsab il-verità. Dan il-programm ġdid se jitfa' dawl fuq il-ħajja u fuq il-kitbiet ta' din il-qaddisa. Hija tgħammdet f'età adulta u daħlet soru tal-Klawsura Tereżjana. Hi ġiet maqtula f'kamp tal-Konċentrament waqt it-Tieni Gwerra Dinjija minħabba t-tnissil Lhudi tagħha.

Jixxandar live kull nhar ta' Ħamis fid-9:00pm u b'repetizzjoni nhar ta' Tlieta fl-4:30am u l-Ħadd fis-2:00am



Santa Tereża Benedetta tas-Salib (Edith Stein)

# RADJU MARIJA
## BEJGĦ TA' ARTIKLI RELIĠJUŻI








## FORMOLA KALENDARJU 2020

**PREZZ SPEĊJALI GĦALL-BIDU TAS-SENA L-ĠDIDA 2020.**
**IL-PREZZ TAL-KALENDARJU MRAĦĦAS GĦAL €3.00 (posta mhux inkluża)**

TRAĦĦIS FIL-PREZZ VALIDU BISS MILL-ISTUDJOS TA' RADJU MARIJA fir-Rabat jew billi timla din il-formola u tibgħatha lil 40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat. BAQA' NUMRU LIMITAT.

Jien hawn taħt iffirmat qed nibgħat cheque/money order ta' €

Isem u Kunjom ______ Kwantita ______

Indirizz ______

Kodiċi Postali ______ Tel No. ______ Mobile ______

Firma ______

**Indirizz postali: Radju Marija, PO Box 19, Rabat RBT1230**

Radju Marija jieħu l-privatezza tiegħek bis-serjetà u jaċċerta li jipproteġi l-informazzjoni personali tiegħek. Kull informazzjoni li inti tipprovdilna fuqek tiġi wżata u miżmuma skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta u din il-protezzjoni tiġi applikata kull darba li niġbru informazzjoni ta' natura personali (inkluż meta inti tuża l-websajt tagħna u/jew pjattaformi diġitali oħra skont il-każ).

# BUFFET BREAKFAST

18 ta' Ottubru 2019















Fit-18 ta' Ottubru 2019, ingħaqadna flimkien f'lukanda ġewwa Buġibba fejn bdejna b'kolazzjon komplut. Wara ttellgħet tombla b'diversi premjijiet li ntrebħu minn dawk li pparteċipaw. Wara għalaqna b'quddiesa b'radd ta' ħajr lill-Mulej Alla tagħna u Ommna Marija.

## TRID TKUN MAGĦDUD FIL-MAILING LIST TA' RADJU MARIJA?

### IMLA L-FORMOLA U IBGĦATHA

Isem u Kunjom

Indirizz

Kodiċi Postali | Nru Tel. | Mobile

Firma ____________________

**Indirizz postali: Radju Marija, PO Box 19, Rabat RBT1230**

Radju Marija jieħu l-privatezza tiegħek bis-serjetà u jaċċerta li jipproteġi l-informazzjoni personali tiegħek. Kull informazzjoni li inti tipprovdilna fuqek tiġi wżata u miżmuma skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta u din il-protezzjoni tiġi applikata kull darba li niġbru informazzjoni ta' natura personali (inkluż meta inti tuża l-websajt tagħna u/jew pjattaformi diġitali oħra skont il-każ).

Fl-istudjos ta' Radju Marija wieħed isib jixtri rigali għal kull okkażjoni.






KALENDARJU GĦALL-BIDU TAS-SENA L-ĠDIDA 2020.
PREZZ SPEĊJALI TA' €3.00 (posta mhux inkluża)

TRAĦĦIS FIL-PREZZ VALIDU BISS MILL-ISTUDJOS TA' RADJU MARIJA fir-Rabat jew billi l-formola li tinsab f'paġna 11 u tibgħatha lil 40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat.
BAQA' NUMRU LIMITAT.

Jekk jogħġbok, tista' tqassam il-fuljett ta' Radju Marija fit-triq tiegħek? Jekk iva ċempel lill-Promotur Maria fuq numru: 2145 3105. Grazzi ħafna!

Ingħaqdu magħna fit-talb kull nhar ta' Tnejn 12.00pm Quddiesa fil-Kappella ta' Radju Marija

40, Triq San Vincenz Ferreri. Rabat.

ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU:

Mit-Tnejn sal- Ġimgħa 09.00am – 5.00pm.
Is-Sibt 09.00am – 3.00pm.
Ħdud u Festi MAGĦLUQIN.

Tinsewx li l-indirizz il-ġdid ta' Radju Marija hu:
40, Triq San Vinċenz Ferreri. Rabat.

Irtir ta' ġurnata tar-Randan immexxi mid-Direttur ta' Radju Marija Fr Antoine Borg. Nhar it-Tlieta 3 ta' Marzu nibdew b'Quddiesa, Adorazzjoni u Riflessjoni tar-Randan minn Fr Antoine Borg.

Post: Dar tal-Irtiri Manresa, Munxar, Għawdex bejn id-9am u s-1pm. Biex tibbukkja ċempel lil Radju Marija fuq 2145 3105 mhux aktar tard mill-Ġimgħa 21 ta' Frar 2020.

Għeżież, l-Adorazzjoni tal-Ewwel Ġimgħa tax-xahar qed issir mill-istudjos il-ġodda tagħna hawn fir-Rabat. Tibda fil-11am bil-Quddiesa u nkomplu bl-adorazzjoni sas-1pm. Tistgħu tingħaqdu magħna live fuq 102.3FM
Ejjew flimkien infaħħru lil Alla ta' dak kollu li jagħmel magħna u mal-familji kollha. Ser ikun qed jistennienа! Paċi u mħabba lil kulħadd!

# PELLEGRINAĠĠ

## ĠEWWA MEDJUGORJE U FL-ART IMQADDSA













Il-Pellegrinaġġ ġewwa Medjugorje kien għalina esperjenza ta' talb, paċi, ferħ u mħabba, li kompla jgħinna fil-mixja spiritwali tagħna. Matulu żorna diversi postijiet li huma b'xi mod jew ieħor relatati ma' dak li seħħ f'dan ir-raħal Marjan, ġewwa l-Bożnija Ħerżegovina.





Pellegrinaġġ organizzat minn Radju Marija fl-Art Imqaddsa bejn is-17 u l-24 ta' Novembru 2019 immexxi mid-Direttur Fr Antoine Borg u Fr Brendan Gatt. Esperjenza unika għat-38 pellegrin fejn flimkien żaru l-aktar postijiet importanti fil-ħajja ta' Ġesù: fejn twieled, għallem, fejjaq u għamel tant mirakli. Il-pellegrinaġġ laħaq il-qofol tiegħu bi żjara fil-knisja tas-Sepulkru, il-Golgota, il-blata fejn tpoġġa Ġesù Mejjet imniżżel mis-Salib, il-Qabar, u l-Qabar Vojt ta' Sidna Ġesù Kristu.













# KIF TISTA' TGĦIN lil Radju Marija finanzjarjament



- Billi tagħti donazzjoni fir-reception ta' Radju Marija fl-indirizz tagħna: 40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat.
- Billi tagħti donazzjoni fil-Catholic Bookshop il-Pjazza ta' Raħal Ġdid, Simiana Stationery tas-Sliema kif ukoll fil-Librerija Preca, Blata l-Bajda.
- Billi tibgħat ċekk jew money order bil-posta, pagabbli lil Radju Marija, PO Box 19, Rabat, RBT 1230
- Tista' tiddepożita d-donazzjoni tiegħek f'wieħed mill-kontijiet li Radju Marija għandu fil-bank APS, HSBC u BOV:

**Assoċjazzjoni Radju Marija**

**APS IBAN:**

**MT31 APSB 7705 7006 0638 2000 0834 148**

**A/C ACCOUNT NO: 20000834 14-8**

**HSBC IBAN:**

**MT05MMEB44587 000000058030875050**

**A/C ACCOUNT NO: 058-030875-050**

**BOV IBAN:**

**MT09VALL2201 30000000 14609142012**

**A/C ACCOUNT NO: 14609142012**

Dejjem ara li tingħata rċevuta mill-Bank għal kull donazzjoni.

## Tista' wkoll tagħti d-donazzjoni tiegħek b'SMS jew billi ċċempel.

**DONAZZJONI B'SMS:**

**€4.66 - SMS fuq 5061 8063**

**€11.65 - SMS fuq 5061 9278**

**DONAZZJONI BILLI ĊĊEMPEL:**

**€10.00 - ĊEMPEL fuq 5160 2046**

**€15.00 - ĊEMPEL fuq 5170 2019**

**€25.00 - ĊEMPEL fuq 5180 2047**

# Servizzi offruti minn Radju Marija

## Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru mit-Tnejn sal-Ġimgħa; fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, nhar ta' Sibt fit-8.00am biss.

Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jċempel fil-ħinijiet tal-uffiċċju fuq 2145 3105 u jistaqsi għal Michael Amato jew għal Moira Bugeja.

Importanti li l-avviżi jkunu ttajpjati u jiġu ppreżentati fir-reception ta' Radju Marija bejn: it-Tnejn u l-Ġimgħa mid-9.00am sal-5.00pm. Min jippreżenta l-avviż irid ukoll jippreżenta l-karta tal-identità tiegħu. Ma jistgħux jiġu aċċettati avviżi permezz tat-telefon jew b'sms.

## Avviżi komunitarji mxandra kuljum

Radju Marija jistieden lil dawk il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom li jkunu se jorganizzaw fuq Radju Marija biex jibagħtuhom sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel ma tkun ser isseħħ l- attività.

Dawn għandhom jintbagħtu b'email fuq: info.mal@radiomaria.org

L-attivitajiet avżati għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni Nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' fundraising fosthom bazaars. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.

## L-istudjos il-ġodda ta' Radju Marija jinsabu:

**40, Triq San Vinċenz Ferreri, r-Rabat**
Indirizz postali: **Radju Marija,**
**PO Box 19, Rabat** RBT 1230

Telefon uffiċċju: **2145 3105**
Telefon live studio: **2145 3106**
SMS studio: **7979 1023**
Indirizz elettroniku: **info.mal@radiomaria.org**
Websajt: **www.radjumarija.org**
jew sibna fuq: **Radju Marija Malta**



**102.3FM/107.8FM**